# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ________________

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 10 | 6 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***

# *Il-Ħajja fit-Toroq*



It-Tork (Guido Lanfranco)

Il-klima tagħna - mill-aħjar fid-dinja - tippermetti li n-nies tgħix barra. Ix-xitwa mhix ħarxa u ftit huma dawk il-jiem meta x-xemx ma tidhirx; is-sjuf, għalkemm daqsxejn sħan, joffru ġranet mill-isbaħ u l-baħar dejjem magħna u fil-qrib. Minħabba f'hekk aħna nitrabbew fil-beraħ fejn, f'pajjiżi oħra li mhumiex Mediterranji, in-nies ikollhom jinqaflu ġewwa u jfittxu sfog fil-magħluq. (*par. 1*)

It-tfal tagħna jitrabbew barra, jilagħbu barra, jiġġerrew barra. Dan jgħodd għal dari iktar mil-lum, għax l-impenn ta' l-istudju, il-*homework* u l-privat ma kinux daqshekk prijorità. Ħafna mit-tfal ma kinux jaslu iktar mill-iskola primarja - jekk kienu jaslu! Barra minn hekk, it-toroq huma l-post ewlieni fejn in-nies tiltaqa', titkellem, tippjana, taħdem u tistrieħ u minħabba f'hekk kienu, dari bħalma huma llum, mimlija lwien ta' nies, ta' attivitajiet, ta' ħidma u xi drabi wkoll ta' ġlied. It-toroq tagħna huma storbjużi għax fihom il-ħajja. (*par. 2*)

Il-bejjiegħa u x-xerrejja tat-toroq huma forsi dak il-grupp ta' nies li l-iktar li jagħtu ħajja lit-triq. Jimlewha bl-għajat tagħhom u n-nies iddur magħhom, dari mal-karettun, illum mal-vann, biex tixtri, biex tbigħ jew inkella għall-kurżità; u t-tiġbid fil-prezzijiet, li tant hu karatteristika tan-nisa tagħna, ma jonqosx. Il-bejjiegħa u x-xerrejja fit-toroq qatt ma kienu nieqsa, lanqas illum, avolja llum hawn ħafna minn fejn tixtri, *supermarkets* u ħwienet oħra tan-negozju bl-addoċċ. U l-Munxar qatt ma kien nieqes minn dawn il-bejjiegħa tat-triq, sew Għawdxin, kemm Maltin kif ukoll barranin. (*par. 3*)

Li għadu ċar fil-memorja tiegħi huma xi Għarab, aktarx Tuneżini, li kienu jiġu jduru mat-toroq ta' Malta u Għawdex ibigħu l-prodotti tagħhom. Dan kien qabel il-gwerra, għalkemm anke llum kultant tisma' b'xi Għarab li jarmaw għall-bejgħ b'dannu għan-negozjanti lokali. Niftakar wieħed jiġi l-Munxar ibigħ xi ħasira, il-lakumja u xi ħabbażiż. It-Tuneżija hija tefgħa ta' ġebla bogħod minna u l-ilsien tagħna jqarreb tajjeb lejn ta' dawn in-nies. Barra minn hekk it-Tuneżija laqgħet ħafna emigranti Maltin u Għawdxin. Allura, huma ma kinux isibuha diffiċli li jiġu hawn. Dak li kien ikollhom għall-bejgħ kienu jġorruh ġo ġewlaq f'idejhom u l-ħasira kienu jġorruha fuq spallithom. (*par. 4*)

(addattata minn **Ħajja fit-Toroq** ta' F. Mercieca f' ***Id-Dawl,*** 2004)

| **A. FEHIM IT-TEST** | ***(10 marki)*** |
|---|---|

1. Fi ftit kliem, għid kif inhi l-klima ta' pajjiżna. (*par. 1*)

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

2. Skond l-awtur, x'tippermetti din it-tip ta' klima lin-nies ta' pajjiżna? (*par. 1*)

______________________________________________________ (marka)

3. Kif taf li dari t-tfal ma kinux jitgħallmu ħafna skola? (*par. 2*)

______________________________________________________ (marka)

4. Għaliex it-toroq huma postijiet li fihom il-ħajja? (*par. 2*)

______________________________________________________ (marka)

5. Liema gruppi ta' nies jagħtu l-aktar ħajja lit-toroq Maltin? (*par. 3*)

______________________________________________________ (marka)

6. Semmi tip wieħed ta' trasport użat mill-bejjiegħa tat-triq li jsemmi l-awtur. (*par. 3*)

______________________________________________________ (marka)

7. Skond l-awtur, x'inhi l-karatteristika tax-xerrejja nisa Maltin? (*par. 3*)

______________________________________________________ (marka)

8. Semmi waħda mill-affarijiet li l-bejjiegħa Għarab kien ikollhom għall-bejgħ. (*par. 4*)

______________________________________________________ (marka)

9. Semmi raġuni waħda għaliex l-Għarab tat-Tuneżija ma kinux isibuha diffiċli li jiġu Malta. (*par. 4*)

______________________________________________________ (marka)

10. Taħseb li l-awtur hu Għawdxi jew Malti? Għaliex?

______________________________________________________________

(marka)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | ***(20 marka)*** |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib minn *paragrafu 1* dawn li ġejjin u ikteb fil-kaxxa l-vojta.:



| | |
|---|---|
| (a) partiċella mqassra | |
| (b) partiċella marbuta ma' l-artiklu | |
| (ċ) avverbju li juri post | |

(3 marki)

2. Mill-verb **jitrabbew** (*par. 2*) noħorġu l-parteċipju passiv **mrobbi**.

| | | |
|---|---|---|
| a | Oħroġ il-parteċipju passiv maskil minn **seraq** | |
| b | Oħroġ il-parteċipju passiv femminil minn **qabad** | |
| ċ | Oħroġ il-parteċipju passiv plural minn **xtara** | |

(3 marki)

3. Agħmel (**X**) fejn it-tajba:
L-avverbju **dari** (*par. 2*) hu avverbju li juri:
(a) żmien ___ , (b) mod ___ , (ċ) kwalità ___ , (d) post ___. (marka)

4. Il-verb **tiltaqa'** (*par. 2*) hu verb tat-**8** forma.
Ta' liema forma huma l-verbi li ġejjin:
(a) **ħaffef** - _____ forma, (b) **nkiteb** - _______forma.
(2 marki)



5. Il-verb **iddur** (*par. 3*) hu verb:
(a) sħiħ___, (b) trux ___, (ċ) dgħajjef___. (marka)

6. Il-verb **jiġi** (*par. 4*) hu verb irregolari.
(a) VERU ____ , (b) FALZ ____ . (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Immarka (**X**) fejn meħtieġ.
Il-kelma **tippermetti** (*par. 1*) hi ta' nisel:
(a) *Semitiku*___ , (b) *Rumanz*___ , (ċ) *Ingliż*___ . (marka)

8. Sib minn *paragrafu 2* kelma li tfisser **prinċipali**: ______________________ (marka)

9. Agħti kelma oħra flok: (a) **lwien** (*par. 2*) - ____________________

(b) **ġewlaq** (*par. 4*) - ____________________ (2 marki)

**ANALIŻI TESTWALI**

10. Il-pronom ***ha*** fil-kelma **jimlew<u>ha</u>** (*par. 3*) qed jirreferi____________________ (marka)

11. Il-kelma ***idejhom*** (*par. 4*) għal min qed tirreferi ?______________________ (marka)

12. Fisser il-frażi ***tefgħa ta' ġebla*** (*par. 4*).______________________________________ (marka)

**SINTASSI**

13. Ikteb dawn iż-żewġ sentenzi f'waħda mingħajr ma tuża l-konġunzjoni ***u***:
*Għadni niftakar xi Għarab li kienu jiġu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan kien qabel il-gwerra.*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________. (2 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | ***(4 marki)*** |
|---|---|

**IDJOMI U QWIEL**

**(i) Sib żewġ idjomi minn dawn is-sentenzi u iktibhom fil-kaxxi ta' taħt.**
M'ilux qabeż qabża sal-pjazza. Xtaq jixtri qmis mis-suq. Biex joħroġ ta' raġel għażel waħda għalja. Iġġebbed kemm felaħ u lill-bejjiegħ ħadlu saħħtu. Imma kien kollu għal xejn li għamel għaġeb. Tgħidx kemm staħa meta kellu jħallas u radd salib għal wiċċu li s-suq ma jerġax imur.

| | |
|---|---|
| (a) | (b) |

**(ii) Fisser fi kliemek dawn il-qwiel.**
(a) Aħseb il-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx:______________________________

(b) Is-saħħa m'hemmx prezzha:______________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(10 marki)*

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 60 kelma**.

a. Agħti lista ta' attivitajiet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi jista' jorganizza biex bil-fondi miġbura jsebbaħ it-toroq tar-raħal.

**JEW**

b. Triq il-Mitħna f'Ħal Muxi ntlaqtet sewwa mill-maltemp li għamel ix-xitwa li għaddiet. Bħala segretarju tal-Kunsill Lokali, ikteb rapport dwar il-ħsarat li hemm f'din it-triq biex il-Kunsill jara x'għandu jsir.



___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI *(6 marki)*

Ikteb **6 punti** dwar **2** aspetti tal-**Kultura Maltija** li għamilt il-proġett dwarhom.



✍ ___________________________________________

✍ ___________________________________________

✍ ___________________________________________

✍ ___________________________________________

✍ ___________________________________________

✍ ___________________________________________

| **F. LETTERATURA** | ***(30 marka)*** |
| --- | --- |

**(i) L-Isqaq / Anestesija** **(8 marki)**
*Agħżel it-tweġiba t-tajba*:

**L-Isqaq**.
1. Il-familja ta' Stejfen marret toqgħod fl-isqaq minħabba li l-missier

(a) miet ___, (b) tilef ix-xogħol ___, (ċ) siefer ___, (d) wiret dar ___. (marka)

2. Stejfen kien iħobb ħafna lil (a) Rita ___ , (b) Romilda ___, (ċ) Rożarja ___. (marka)

3. Fi tfulitu, Spigolò kien trabba (a) jixxala ___, (b) jaħdem ___, (ċ) jisraq ___. (marka)

4. *L-Isqaq* hu (a) dramm ___ , (b) rumanz ___ realistiku għax juri l-ħajja kif inhi. (marka)

**Anestesija**
5. It-tifel talab lil ommu tieħdu (a) l-knisja ___, (b) l-bandli ___, (ċ) ċ-ċirku ___. (marka)

6. Tas-Sold Xelin kien raġel (a) li jqarraq bin-nies ___, (b) li jagħti rigal lil min jirbaħ ___, (ċ) li jqassam ir-rigali b'xejn ___ . (marka)

7. Naga u Hiro kienu żewġ iljuni li jirrappreżentaw lil
(a) Franza u Spanja __, (b) Malta u Għawdex __, (ċ) l-Amerika u r-Russja __. (marka)

8. *Anestesija* hu dramm (a) realistiku ___ , (b) simboliku ___ , (ċ) komiku ___. (marka)

**(ii) Qawsalla: *Referenza għall-Kuntest*** **(10marki)**
Aqra sew din il-poeżija ta' Rużar Briffa u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:



**JUM IR-REBĦ**

U l-kotra qamet f'daqqa - u għajtet, "Jien Maltija!
Miskin min ikasbarni, - miskin min jidħak bija!"

U l-kotra għanniet f'daqqa – u semmgħet ma' l-irjieħ
L-innu ta' Malta tagħna, - u l-leħen kien rebbieħ

Fuq ngħas l-imgħoddi ġwejjef – in-ngħas ta' l-apatija,
Xħin ruħna kienet rieqda – ġo sodda barranija;

U l-ombra ta' Vassalli – qamet minn qiegħ il-qabar,
U għajtet: " Issa fl-aħħar – jien se nsib is-sabar."

1. X'kienet l-okkażjoni li fiha l-kotra qamet tipprotesta? (marka)

___

2. X'għamlet il-folla biex turi l-protesta tagħha? (marka)

______________________________________________________________________

3. Fisser il-vers: "Xħin ruħna kienet rieqda – ġo sodda barranija". (2 marki)

______________________________________________________________________

4. Il-versi tal-poeżija miktubin
(a) b'rima mbewsa ___, (b) b'rima mqabbża ___, (ċ) bla rima ___ . (marka)

5. L-istrofi tal-poeżija jissejħu (a) distiċi ___, (b) terzini ___, (ċ) kwartini ___. (marka)

6. X'rabta għandha din il-poeżija mat-tema "Il-Protesta"? (4 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(iii) QAWSALLA: KOMPONIMENT LETTERARJU (12-il marka)**

Agħżel **waħda** minn **a** u **b** u ikteb madwar **100 kelma** dwarha fuq karta separata.

(a) Għid fi kliemek kif it-tema *Il-Protesta* tidher f'waħda mill-poeżiji jew siltiet ta' proża li nsibu miġbura taħt din it-tema.

(b) Fit-tema *Il-Familja* nsibu kitbiet li fihom l-ulied juru rispett lejn il-ġenituri tagħhom. Tkellem dwar waħda minnhom.

**Ġ. KOMPONIMENT** ***(20 marka)***

Agħżel **<u>wieħed</u>** u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata.

1. It-triq fejn noqgħod, fis-sajf u fix-xitwa.
2. Darba, meta kont imsiefer, kont qbadt triq b'oħra. Irrakkonta x'ġara wara.
3. Vjaġġ fuq tal-linja.
4. Il-problema ta' l-immigranti illegali f'pajjiżna. X'jista' jsir biex tittaffa?
5. Bil-flus tagħmel triq fil-baħar.
6. Persuna li m'għandix grazzja magħha.

